MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1696/2004

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Mary Vassallo, sija bil-polza u sija bil-Ligi, u l-istess Mary Vassallo**

**vs**

**Joseph Spiteri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Settembru, 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mija u sebghin lira Maltin (Lm 1,170.00) li tirrapprezenta danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tad-29 ta' Jannar, 2003 fi Triq il-Wied tal-Imsida, Imsida bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAJ 534 misjuqa minn Mary Vassallo u proprjeta` ta' l-istess, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAF 451 misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi

incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess konvenut.

Il-konvenut, ghalkemm interpellat, anke permezz ta’ ittra ufficjali tas-17 ta’ Ottubru, 2003, baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta’ Ottubru, 2003 ipprezentata kontra l-konvenut, u l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf mija u sebghin liri Maltin (Lm1,170.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------